MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2013

Numru. 692/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**KONTRA**

**CARMEL SAMMUT, iben Saviour u Rose nee' Sciberras, imwieled Tal-Pieta' nhar it-8 ta' Ottubru, 1954, residenti fil-fond residenti numru 14, San Mark Flats, Triq l-Empire Stadium, Gzira, detentur tal-karta tal-identita' numru 771054M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **Carmel Sammut** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-23 ta' April, 2008, f'xi hin bejn 10:30hrs u 12:30hrs, gewwa l-parkegg tal-karozzi maghruf bhala

Sliema Multi Storey Car Park li jinsab fi Triq il-Kbira, Tas-Sliema, volontarjament hassar, gharraq jew ikkaguna hsara lill-proprjeta' privata, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal tliet mija u wiehed u sittin Ewro (€361) u cioe' mhux iktar minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma izjed min mija u sittax-il Ewro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), liema hsara saret fuq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DQZ146 tal-ghamla Skoda Octavia, ghad-dannu ta' Jeremy Bonello minn San Gwann, u dan bi ksur tal-Artikolu 325 1(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni bikrija tal-imputat fl-istadju tal-interrogatorju (folio 12), u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jerga' jahseb dwar l-istess.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji (folio 7), dwar liema l-imputat iddikkjara li ma kellux oggezzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Rat ukoll illi l-imputat fi stadju ta' interrogatorju ammetta kif dedotti kontra tieghu – rat ukoll illi l-imputat anke hallas l-ispejjez ta' danni minnu kagunati, u dan wara li rat il-verbal tat-22.03.2013, kif ukoll l-ircevuta ezebita fl-istess seduta.

Rat ghalhekk l-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ukoll il-fedina penali tieghu.

Rat li l-ahhar reat li tieghu nstab hati kien fis-sena 1999, u ghalhekk, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sena(1) sospiza ghal sentejn(2).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------